MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2005

Appell Kriminali Numru. 206/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Grech talli fis-16 ta' April 1999 ghall-habta tas-7.00 p.m. fi Triq D'Argens, Gzira, saq vettura nru. BAR-073 1) b'manjiera traskurata, 2) perikoluza, 3) b'giri aktar milli jmissu, 4) b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma' vettura nru. KAN-473 u involontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Malcolm Robert Woolsey 5) fl-istess incident involuntarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Malcolm Robert Woolsey skond kif iccertifika Dr. E. Darmanin M.D. ta' S.L.H. 6) u aktar

involuntarjament ikkaguna offizi ta’ natura hafifa salva kumplikazzjonijiet fuq il-persuna ta’ Victoria Woolsey skond kif iccertifikat Dr. Lucienne Attard M.D. ta’ S.L.H.

Il-prosekuzzjoni talbet li jigi skwalifikat mil-lienzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Ottubru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li ddikjarat it-tielet imputazzjoni preskritta u ghalhekk illiberat lill-imsemmi Michael Grech minn dik l-imputazzjoni, sabitu lill-imsemmi hati ta' l-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) u ghas-sospensjoni ta’ kull licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta’ tliet xhur;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Michael Grech tal-15 ta’ Ottubru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn iddikjarat preskritta t-tielet imputazzjoni, tirrevokaha fejn sabitu hati ta’ l-ewwel, tat-tieni, tar-raba’, tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet, tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jghid li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament inkorrett u zbilancjat tal-provi u applikazzjoni hazina tar-regolamenti tat-traffiku ghall-fattispecje tal-kaz. Isostni li fil-kaz in ezami l-kawza unika u determinanti tal-habta kienet il-manuvra inkonsulta tas-*side road user* li ried jaqsam il-passagg ta' l-appellant. Huwa jiccita awturi u gurisprudenza in sostenn ta' l-aggravji tieghu.

Issa, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-

Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Ghalhekk din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi kollha li ngabu quddiem l-ewwel Qorti u ma tistax ma tosservax l-ewwelnett li fil-fehma taghha kien hemm traskuragni lampanti da parti ta' Malcolm Robert Woolsey, is-sewwieq tal-karrozza li kienet hierga minn Triq Enrico Mizzi biex taqsam Rue D'Argens u tidhol go Triq Gerry Zammit. M'hemm l-ebda dubju li l-appellant kien qieghed isuq fi Triq Rue D'Argens u li kieku Woolsey waqaf jesplora Rue D'Argens sew kien josserva lill-karrozza misjuqa mill-appellant gejja fid-direzzjoni tieghu min-naha ta' tas-Sliema. Jekk esplora u ma rahx ifisser li ma esplorax tajjeb; jekk rah ifisser li ma kkalkolax tajjeb l-ispeed ta' l-appellant. Nuqqas iehor da parti ta' Woolsey hu li ma qasamx fl-iqsar zmien possibbli. Ghal mistoqsija dwar x'kien l-ispeed tieghu jghid "Five miles, I don't know. I just crossed the road, you can't go fast".

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fl-istess hin din il-Qorti ma tistax teskludi li l-appellant kien ghaddej bi speed elevat. Dan qed jinghad ghal diversi ragunijiet: ix-xiehda tal-konjugi Agius Bonello, il-brake-marks li waqfu hesrem minhabba li baqa' diehel gol-karrozza tal-konjugi Woolsey, il-mod kif il-karrozza tal-konjugi Woolsey, tal-marka Volvo, spiccat imbuttata u mdawwra, u l-hsara estensiva fiz-zewg karrozzi. Barra minn hekk, il-post fejn gara l-incident huwa inkrocju pjuttost perikoluz u ghalhekk kull min ikun irid jghaddi minn hemm ghandu jirregola l-ispeed tieghu biex ma jkunx ta' dannu ghal haddiehor.

Norman Sullivan, fil-monografija tieghu: "The Advanced Driver" (1965 ed., pagna 88) jghid:

**"Nearly every time a motorist has to step on the brakes suddenly, the reason can be traced to a deficiency in his planning. A good driver rarely, if ever, has to stop the car as in an emergency, as the emergency would probably have been created by his own negligence."**

Fil-kaz in ezami l-emergenza giet kreata bl-hrug tal-karrozza misjuqa minn Woolsey izda l-konsegwenzi dizastruzi kkontribwixxa ghalihom l-appellant bil-mod ta' sewqan tieghu.

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta’ Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:

**“Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta’ sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta’ sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta’ esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza taddisposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita’ ta’ sewqan ta’ dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta’ 1-imsemi artikolu 15 bhala sewqan ‘bi traskuragni kbira’. Din it--**

**tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi 1-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw iddisposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali, 21/5/96)".**

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

**"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo,14.3.59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. Pul. vs Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali**

**(App. Krim. Pul. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".**

Fil-kaz in ezami ghalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma li s-sewqan ta' l-appellant ma jistax jigi deskritt bhala perikoluz peress li m'hemm l-ebda evidenza ta' *"recklessness"* fis-sewqan tieghu. Mill-banda l-ohra m'hemm l-ebda dubju li s-sewqan tieghu ghandu jigi klassifikat bhala sewqan traskurat.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati taghha u minnha tilliberah, tikkonfermaha in kwantu ddikjarat l-azzjoni fir-rigward tat-tielet imputazzjoni preskritta u in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel, tar-raba', tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt liri Maltin (Lm500) u ghas-sospensjoni ta' kull licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' tliet xhur u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitt liri Maltin (Lm100) u tiskwalifikah mil-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien tmint ijiem, liema perijodu jibda jiddekorri minn nofs-il lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------